## IT-TIFKIRA SOLENNI TAL-MIĠJA TA’ L-ISPIRTU S-SANTU

**L-1 QARI**
**Qari mill-Ktieb tal Profeta Ġoel.**
**Ġoel 3, 1-5**

Dan jgħid il-Mulej:
Jiena nsawwab l-Ispirtu tiegħi fuq il-ħlejjaq kollha.
Uliedkom iħabbru, subien u bniet,
ikollhom ħolm ix-xjuħ tagħkom,
iż-żgħażagħ tagħkom jaraw viżjonijiet.
U fuq l-ilsiera wkoll, irġiel u nisa,
insawwab l-Ispirtu tiegħi f’dawk il-jiem.
Fis-sema u l-art nuri sinjali,
demm u nar u kolonni ta’ duħħan!”
Ix-xemx tinbidel fi dlam
u l-qamar f’demm
qabel ma jasal jum il-Mulej,
Kbir u tal-biża’!
Jeħlisha kull min isejjaħ isem il-Mulej;
għaliex fuq il-muntanja ta’ Sijon u Ġerusalemm
ikun hemm il-meħlusin,
kif qal il-Mulej;
u fost il-maħrubin
ikun hemm min isejjaħlu l-Mulej.

**Il-Kelma tal-Mulej.**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 103**
**Hallelujah.**

Bierek, ruħ tiegħi, ’il-Mulej!
Mulej, Alla tiegħi, int kbir bil-bosta!
bis-sebħ u l-ġmiel inti mlibbes,
bid-dawl inti mkebbeb bħal b’mantell.
**R/.**

Kemm huma kotrana l-għemejjel tiegħek, Mulej!
Kollha bil-għerf int għamilthom,
mimlija hi l-art bil-ħlejjaq tiegħek.
Bierek, ruħ tiegħi, ’il-Mulej.
**R/.**

Il-ħlejjaq kollha minnek jistennew
li tagħtihom l-ikel tagħhom f’waqtu;
inti tagħtihom, u huma jiġbru,
tiftaħ idejk, u jixbgħu bil-ġid.
**R/.**

Jekk teħdilhom nifishom imutu,
u lejn it-trab jerġgħu jmorru.
Meta tibgħat l-Ispirtu tiegħek, jinħalqu;
w inti ġġedded il-wiċċ ta' l-art.
**R/.**

**IT-2 QARI**
**Qari mill- Ittra ta' San Pawl Appostlu lir-Rumani.**
**Rum 8, 22-27**

Ħuti: Aħna nafu li l-ħolqien kollu għadu s'issa jitniehed u jokrob bħal waħda fl-uġigħ tal-ħlas; u mhux hu biss, imma wkoll aħna li għandna l-ewwel frott ta' l-Ispirtu, aħna wkoll nitniehdu fina nnifisna waqt li nistennew l-adozzjoni ta' wlied Alla, il-fidwa ta' ġisimna. Għax aħna wkoll salvati bit-tama. Meta wieħed jara l-ħwejjeġ li jkun ittama, ma jkunx hemm aktar tama; għax kif jista' wieħed jittama l-ħwejjeġ li ġa qiegħed jara?
Imma dak li qegħdin nittamaw, jekk m'aħniex narawh, qegħdin nistennewh bis-sabar. Hekk ukoll l-Ispirtu, min-naħa tiegħu, jgħinna fin-nuqqas ta' ħila tagħna. Għax aħna anqas biss nafu x'għandna nitolbu kif imiss, imma l-Ispirtu stess jidħol għalina bit-talb tiegħu bi tnehid li ma jistax jitfisser bil-kliem; u Dak li l-ħarsa tiegħu tinfed il-qlub jaf x'inhi x-xewqa ta' l-Ispirtu, kif bit-talb tiegħu jidħol għall-qaddisin skond ma jrid Alla.

**Il-Kelma tal-Mulej.**

**VERSETT**
**Hallelujah. Halleluljah.**
Ejja, Spirtu s-Santu,
imla l-qlub tal-fidili tiegħek
u kebbes fihom in-nar ta' mħabbtek.
**Hallelujah.**

**✠L-EVANĠELJU**
**Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann.**
**Ġw 7,37-39**

Fl-aħħar jum tal-festa, il-jum l-aktar solenni, Ġesù qam igħid b'leħen għoli: "Min jieħdu l-għatx, jiġi għandi u jixrob. Kif tgħid l-Iskrittura, min jemmen fija minnu joħorġu xmajjar ta' ilma ħaj."
B'dan ried ifisser l-Ispirtu s-Santu li kellhom jircievu dawk li jemmnu fih – għax l-Ispirtu s-Santu kien għadu ma ġiex mogħti billi Ġesù kien għadu ma ġiex igglorifikat.

**Il-Kelma tal-Mulej**